

# IL-VIŻITAZZJONI

## fl-Ikonografija Medjevali

Prof. Dr Joseph Galea M.D.

*'F'dawk il-ġranet Marija qamet u marret tħaffef lejn l-għoljiet, f'belt tal-Lhudija. Daħlet għand* Żakkarija *u sellmet lil Eliżabetta. Malli Eliżabetta semgħet lil Marija sselmilha t-tarbija qabżet fil-*ġuf *tagħha u Eliżabetta mtliet bl-Ispirtu s-Santu; u nfexxet f'għajta kbira u qalet : "Imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek! U minn fejn* ġieni *dan li omm il-Mulej tiġi għandi? Għax ara, malli smajt f'widnejja leħen it-tislima tiegħek, it-tarbija li għandi fil-*ġuf *qabżet bil-ferħ. Iva, hienja dik li emmnet li jseħħ kulma bagħat jgħidilha l-Mulej." U mbagħad Marija qalet " Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej....."....'* (Luqa 1:39-46).

Id-Devozzjoni lejn Marija bdiet formalment wara l-Konċilju ta' Konstantinopli fl-431 (li kien ir-raba Konċilju) meta ġie deċiż li Kristu kellu żewġ naturi; dik divina u dik umana, t-tnejn imwaħħdin f'persuna waħda (*ipostasi*). Imbilli binha kien divin allura ommu Marija kienet Omm Alla (*Theotokos*). Minn dak iż-żmien xeni mill-ħajja ta' Marija ħadu importanza kbira fl-ikonografija Kristjana. Dawn l-episodji jinkludu: t-Twelid ta' Ġesu, l-Annunzjazzjoni, il-Viżitazzjoni, il-Ħarba lejn l-Eġittu, t-Twelid ta' Marija, l-Preżentazjoni tagħha fit-Tempju, il-Mewt u t-Tlugħ fis-sema tagħha. F'din il-kitba ser nitkellmu dwar il-Viżitazzjoni.

L-eqdem ikona li tirrapreżenta dan il-Misteru (tal-Viżitazzjoni) tinsab fl-apside tal-Bażilika Katedrali tat-Tlugħ is-Sema ta' Maria, f'Poreč, il-Kroazja. L-ikona hija magħmula mil-mużajk u nħadmet minn mgħallmin Biżantini għall-ħabta tal-540 meta l-knisja kienet ddedikata lil San Mawru ta' Parentium. Turi lil Marija u Eliżabetta lebsin ħwejjeġ saċerdotali ta' dak iż-żmien b'mantar kollu żigarelli. Eliżabetta qiegħda tilqa' lil Marija b'idejha miftuħa mingħajr ma jmissu lil xulxin. Hemm ukoll figura żgħira ta' tifel iħares minn wara purtiera (Figura 1).



Figura 1. Il-*Viżitazzjoni* (madwar 540) fl-apside tal- Bażilika ta Maria Assunta f'Poreč, il-Kroazja.



Figura 2. Riliev tal-*Viżitazzjoni* (seklu 14) mil-faċċata tad-Duomo t'Orvieto bit-tfajla tħares minn wara purtiera. Tkompli it-tradizzjoni ta' tfajla jew tfajjel josservaw u jikkontemplaw l-misteru (Figura 3).

Din il-figura twarrab purtiera biex tħares lejn il-laqgħa ta' Marija ma' Eliżabetta tirrepeti ruħha f'riliev tal-erbatax-il-seklu fil-faċċata tal-katidral t'Orvieto (Figura 2). Skultura tal-injam tas-seklu tlettax li tinsab fil-Mużew tal-Kunvent ta' San Ġwann Battista, f'Müstair, l-Iżvizzera (Figura 3) turi l-Viżitazzjoni b'Marija liebsa mantar ikħal minn ġewwa u maġenbha hemm tfajla b'basket probabbli waħda mil-verġni li akkumpanjat lil Marija wara li ħalliet it-Tempju fejn Ġużeppi kien għadu kif għażilha b'martu. Fil-bieb hemm figura żgħira biex



Figura 3. Skultura tas-Seklu 13 bil-*Viżitazzjoni* u tfajla żgħira f'bieb tikkontempla l-misteru. (Mużew tal-Kunvent ta' San Ġwann Battista, f'Müstair, l-Iżvizzera)

Il-Figuri ta' Marija u Eliżabetta dehru ukoll fuq l-Arlar ta' Ratchis li jinsab fil-mużew tal-Katidral ta' Santa Maria Assunta f'Cividale del Friuli. L-altar inħadem fl-irħam minn Mgħallem Taljan bejn is-snin 744 u 749 u kien ordnat minn Ratchis, Duka ta' Friuli u Re tal-Lombardi biex jikkommemora lil missieru Pemmon, Duka ta' Cividale. L-altar fih il-Viżitazzjoni skolpita fl-irħam fuq ġenb minnhom (Figura 4). Marija u Eliżabetta qegħdin f'tgħanniqa flimkien. Il-figuri kienu polikrami u f'għajnejhom kellhom il-ħaġar prezzjuż.



Figura 4. *Viżitazzjoni* fil-ġenb tal-artal tad-Duka ta' Ratchis (744-749) fil-Katidral ta' Cividale di Friuli, Italja.



Figura 5. Illuminazzjoni tal-*Viżitazzjoni* mil-Ktieb tas-Siegħat Tal-Imgħallem ta' Boucicaut u l-Bottega tiegħu, Pariġi, 1415-20 (Mużew J Paul Getty).

L-ikonografija medjevali kienet turi lil Marija ġeneralment liebsa mantar ikħal. Iktar le milli iva Marija ma jkollhiex velu mentri Eliżabetta kważi dejjem tkun liebsa velu (Figuri 5 u 7). Dan wieħed jista' josservah fl-ikonografija tal-Viżitazzjoni li tinstab fil-*Kotba tas-Sigħat*. Dawn il-kotba kienu jinkitbu fuq parċmina fil-monasteri minn artisti ta' dak iż-żmien u kienu manuskritti mimlijin bit-talb u mżejnin b'ħafna illuminazzjonijiet u borduri ddekorati bil-ward u weraq u kollox impenġi bl-idejn. Fil-*Kotba tas-Sigħat* ħafna drabi kien ikun hemm sezzjoni ta' talb lill-Madonna msejħa *Is-Sigħat tal-Verġni Marija* jew *l-Uffizzju ż-Żgħir tal-Madonna.* Dawn kien ikun fihom illuminazzjonijiet tal-Madonna inkluża dik tal-Viżitazzjoni (Figura 5).

Xi minn daqqiet il-figuri taż-żewġ protagonisti kienu jidhru tqal it-tnejn jew waħda minnhom kienet tidher tqila (Figura 5). Skont l-Evanġelista Luqa, Eliżabetta kellha 6 xhur tqala meta żaritha Marija. F'xi ikonografija speċjalment Ġermanika u Awstrijaka wieħed kien jista' jara lil Ġesu u Ġwanni ġo żaqq il-Madonna u Eliżabetta rispettivament. L-iskultura tal-injam tal-Viżitazzjoni li



Figura 6. L-iskultura tal-*Viżitazzjoni* tal-ġews, polikromatika u ndurata bid-deheb minn Heinrich ta' Constance (madwar 1300). (Metropolitan Museum of Art, New York)



Figura 7. *Viżitazzjoni.* Skola Ġermaniża, 1430-1435 fuq l-injam (Musée des Beaux-Arts, Lyon, Franza)

hemm fil- Metropolitan Museum of Art ta' New York turi ż-żjara ta' Marija lil Eliżabetta u fuq sidirhom għandhom *'rock crystal cabochons'* trasparenti, irfinuti u indurati bid-deheb li jirrappreżentaw lil Ġesu u Ġwanni f'ġuf ommhom (Figura 6). Din l-iskultura nħadmet fil-ġewż mil-Imgħallem Heinrich ta' Constance għall-ħabta tas-sena 1300. Xogħol fin ħafna, polikromatiku u indurat bid-deheb.

Din l-idea li jidhru t-trabi Ġesú u Ġwanni ġol-ġisem ta' Marija u Eliżabetta rispettivament kienet komuni għall-aħħar tal-Medju Evu kemm fl-ikonografija tal-Punent (Figura 7) kif ukoll dik tal-Lvant (Figura 8).



Figura 8. *Viżitazzjoni,* Affresk minn qabel 1375 jinsab fil-knisja tas-Salib Mqaddes, Pelendri, Ċipru

Il-laqgħa ta' Marija m'Eliżabetta kienet fil-maġġoranza tal-każi barra d-dar ta' Żakkarija u Eliżabetta. M'hemmx immaġini li turi l-laqgħa li tinsab ġod-dar innifisha. Dan setà rriżulta mil-osservazzjoni tat-test tal-*Protovangelium ta' Gakbu* li jgħid *"Eliżabetta* ġriet *lejn il-bieb meta Marija* ħabtet *fuqu*." F'ħafna minn dawn ix-xbihat id-dar t'Eliżabetta tidher qisha xi knisja jew tempju (Figura 9).



Figura 9. *Viżitazzjoni. Eliżabetta u* Żakkarija *jilqgħu lil Marija*. Dettal mil-*Ħajja ta' San* Ġwann *Battista* affresk minn Lorenzo u Jacopo Salimbeni (1416) fl-Oratorju ta' San Ġwann Battista, Urbino, Italja.

Iż-żewġ figuri prinċipali ħafna drabi kienu jidhru akkumpanjati minn xi qaddejja u/jew nisa oħra. (Figuri 2,



Figura 10. *Viżitazzjoni* affresk ta' Giotto di Bondone (1306) fil-Kappella Degli Scrovegni, Padova, Italja.

3,9 u 10). Akkompanjamenti oħra jinkludu lil żwieġhom Ġużeppi u Żakkarija, jew wieħed minnhom iżda dawn kienu rari fl-ikoni medjevali (Figuri 9, 11) għalkemm saru iktar prominenti fl-arti ta' wara dan iż-żmien. L-istess jista' jingħad fuq figuri oħra li soltu jidhru fix-xena bħall-ħmar ta' Ġużeppi u tfal.



Figura 11. *Viżitazzjoni* attribwit lil San Bonaventura fil-*Meditazzjoni tal-Ħajja tas-Sinjur tagħna* Ġesu *Kristu*. Illuminazzjoni tas-seklu 14 (Biblijoteka Nazzjonali ta' Franza, Pariġi, Franza)



Figura 12. *Viżitazzjoni.* Roger van Der Weyden fuq l-injam (1426-1430) Museum Der Bildenden Künste, Leipzig, Ġermanja.

Il-laqgħa taż-żewġ nisa qaddisa kienet tiġi interpretata bħala tgħanniqa (Figuri 9, 10 u 11), idejn maħruġa lejn xulxin (Figura 1), idejn magħquda flimkien (Figura 7), Eliżabetta tmiss żaqq il-Madonna fejn kien hemm Ġesú (Figura 12) jew anke jitbewsu (Figura 13). Din il-laqgħa ta' dawn iż-żewġ nisa kultant tieħu aspett ta' intimita' u mħabba kbira (Figura 14).



Figura 13. *Viżitazzjoni. Marija u Eliżabetta* jitbewwsu fir-riliev tal-ġebel (11 il-seklu) Knisja ta' San Lawrenz, Zadar, Kroazja.



Figura 14. *Annunzjazzjoni u Viżitazzjoni*. Affresk (madwar 1200) fil-Kappella tal-Kastell, f'Castell'Appiano-Hocheppan, Italja.

Fl-ikonografija tal-Viżitazzjoni medjevali xi drabi nsibu wkoll versi mil-*Magnificat*, il-kantiku li Marija lissnet fil-laqgħa tagħha m'Eliżabetta. Dawn il-versi kienu jinkitbu fuq *'banners'* li kien ikun hemm fil-parti ta' fuq jew il-parti t'isfel tal-pittura jew madwar iż-żewġ persunaġġi ewlenin (Figura 15) kif ukoll fuq strixxi li żżomm f'idejha Marija (Figura 16). Madwar l-illuminazzjoni tal-Viżitazzjoni fuq il-kotba tas-sigħat tal-Madonna kien ikun hemm miktub *" Deus ad laudes in adiutorum meum intente"* li tfisser *"Oh Alla nfaħħrek tal-għajnuna li tajtni"* jew *"Deus, in adiutorium meum intende; Domine, ad adiuvandum me festina"* li tfisser *"Oh Alla ismà t-talb tiegħi; Mulej, fittex tini l-għajnuna"* (Figura 17).



Figura 15. *Viżitazzjoni* f'artal ta' Friedberg (madawar 1410) pittura fuq l-injam. (Mużew Arċivekovili, Catarijnconvent, Utreht, Olanda.



Figura 16. Illuminazzjoni tal-*Viżitazzjoni* fit-*Trés Belles Heures de Notre-Dame de Jean de Berry* maħduma mil-Maître du parement de Norbonne *(*madwar 1380), Bibliothèque nationale de France, Pariġi, Franza.



Figura 17. Illuminazzjoni tal-*Viżitazzjoni* fis-*Siegħat skont ir-rit Ruman* minn Jean Le Tavernier *(1450).* Bibliothèque nationale de France, Pariġi, Franza.